MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 802/2013

**Dingli Co. International Limited**
**bhala mandatrici tas-Socjeta'estera**
**The Performing Right Society ta'**
**Londra Ingilterra**
**C7692**

**vs**

**M & C Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta'attrici talbet il-hlas fl-ammont ta' elf mija u tmenin ewro u dsatax-il centezmu (€1,180.19) kwantu ghal disgha mija, erbgha u sebghin ewro, disgha u erbghin centezmu (€974.49c) Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Ottubru, 2004 sal 5 ta' Ottubru, 2013, in konnessjoni mal-licenzj Nru. 010987 (Dok.A) rilaxxjata mis-Socjeta'attrici a

favur tal-konvenut b'liema licenzja il-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Trattoria Palazz", Valletta u mija, hamsa u sebghin ewro, tlieta u erbghin centezmu (€175.43c) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Socjeta'attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta' Jannar, 2005 – 2013 u l-ittra legali tas-17 ta' April, 2013 kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta'konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta'attrici u l-fatt li naqas li jidher rapprezentant tas-Socjeta'konvenuta sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tmenin ewro, dsatax-il centezmu (€1,180.19c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta'konvenuta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------